

**Rapport dwar il-konsultazzjoni fuq il-Green Paper:
"Lejn sistemi ta' pensjonijiet Ewropej adegwati li huma sostenibbli u siguri"**

Preżentazzjoni mill-Kummissjoni

1. Ir-risultati tal-konsultazzjoni u d-dibattitu li tqajjem wara l-Green Paper

Il-konsultazzjoni rċeviet kważi 1 700 rispons, li kienu jinkludu aktar minn 350 mill-Gvernijiet tal-Istati Membri, mill-Parlamenti Nazzjonali, mill-organizzazzjonijiet kummerċjali u trejdjunjonistiċi, mis-soċjetà ċivili u mir-rappreżentanti tal-industrija tal-pensjoni. Il-Green Paper intlaqgħet tajjeb mill-Kunsilli tal-EPSCO u tal-ECOFIN. Il-kontributi mill-PE, mill-EESC u mill-CoR waslu fi Frar 2011.

Ir-risponsi mill-partijiet interessati ewlenin jipprovdu konsistenza rikka ta' pożizzjonijiet ippreżentati tajjeb dwar il-qafas Ewropew tal-pensjonijiet u l-kwistjonijiet dwar il-pensjonijiet inġenerali, li jgħinu fit-tfassil tal-alternattivi politiċi varji li jkunu qed jiġu kkunsidrati.

Flimkien ma' dan, saru aktar minn 100 laqgħa madwar l-Ewropa mal-partijiet interessati li kienu jinvolvu lill-Kummissarji Andor, Barnier u Rehn jew lis-servizzi tagħhom. Il-konsultazzjoni tat bidu għal kontributi mill-Istati Membri kollha. B'mod importanti, din wasslet biex id-deliberazzjonijiet nazzjonali jkunu aktar infurmati minn perspettivi komparattivi Ewropej.

Bosta mill-**Istati Membri** jridu li l-isforzi jkunu kkonċentrati fuq it-titjib jew it-twessigħ tal-qafas tal-politika Ewropea eżistenti dwar il-pensjonijiet aktar milli l-estensjoni tiegħu. Madankollu, l-parti l-kbira minnhom fl-istess ħin laqgħu l-infurzar tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika.

Fil-**Parlament Ewropew**, il-kumitati tal-ECON, IMCO u tal-FEMM ressqu l-kontributi tagħhom lill-EMPL bħala l-kumitat ewlieni, u t-test finali adottat mill-PE kien jirrifletti b'mod xieraq il-fehmiet differenti u kellu appoġġ wiesa' ħafna. Ir-rapport jappoġġja l-approċċ olistiku li ħadet il-Kummissjoni fil-Green Paper u jappella għal politiki kkordinati tajjeb biex dawn jittrattaw il-kwistjonijiet minsuġa flimkien tal-adeqwatezza, is-sostenibbiltà u s-sigurtà.

Avvenimenti nazzjonali relatati mal-pensjonijiet, bħall-adozzjoni ta' riformi sinifikanti tal-pensjonijiet fil-Greċja u fi Franza ovvjament ipprovduw kuntest vibranti għar-riflessjonijiet dwar il-Green Paper. L-avvenimenti f'xi Stati Membri tal-Ewropa Ċentrali żvelaw ukoll l-importanza tat-trattament ta' riformi sistemiċi tal-pensjonijiet fil-**Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir**.

Fil-qasam ewlieni tal-**koordinazzjoni politika**, il-konsultazzjoni ngħelbet minn avvenimenti li rriżultaw mill-kriżi tad-dejn pubbliku. Il-pakkett dwar il-koordinazzjoni msaħħa tal-politika ekonomika u r-referenzi għal miżuri speċifiċi li għandhom jittieħdu għall-modernizzazzjoni tas-sistemi tal-pensjonijiet fl-Istħarriġ tat-Tkabbir Ekonomiku Annwali se jkun fihom bidliet importanti għall-qafas Ewropew għall-pensjonijiet u għandu mnejn ikun mistenni aktar impetu mill-Kunsill Ewropew.

Risponsi dwar il-qafas tal-pensjonijiet u l-età tal-irtirar

[Qs1-2] Ir-risponsi għall-Green Paper jissuġġerixxu li **t-titjib fil-qafas tal-pensjonijiet eżistenti tal-UE** għandu mnejn ikun ta' benefiċċju f'li jiżgura s-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi. Xi wħud minn dawk li wiegħbu jqisu li l-UE tista' tagħmel il-parti tagħha billi tikkontribwixxi miżuri armonizzati ta' indikaturi utilizzati fil-qasam tal-pensjonijiet, waqt li tiffaċilita dibattitu infurmat u dirett dwar kwistjonijiet rilevanti ta' politika dwar il-pensjonijiet, kif ukoll sfidi flivell tal-UE. Ħafna jenfasizzaw li żidiet bħal dawn għandhom jiġu żviluppati fl-oqfsa eżistenti, li b'mod ġenerali huma magħduda bħala xierqa. Il-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni (OMC) (Open Method Communication) fil-qasam soċjali jitqies bħala l-aħjar strument għall-appoġġ tal-isforzi tal-Istati Membri biex isaħħu l-adegwatezza tal-pensjonijiet.

[Qs3-4] **Età ta' rtirar effettiva** ogħla qed titqies iġenerali bħala meħtieġa. Filwaqt li skont uħud minn dawk li wiegħbu, l-età għandha tiġi ddeterminata mill-politiki nazzjonali bl-involviment tal-imsieħba soċjali, oħrajn jissuġġerixxu li l-età tal-pensjoni għandha tevolvi skont it-tul mistenni tal-ħajja waqt li xi ftit oħrajn jissuġġerixxu li għandu jitqies it-tul mistenni ta' ħajja (jew it-tul mistenni ta' ħajja sana) fil-professjonijiet differenti. Il-PE jirrakkomanda li tingħata prijorità li taċċerta li l-impjegati jaħdmu sal-età tal-pensjoni. Għadd kbir minn dawk li wiegħbu jenfasizzaw li r-riformi fil-pensjonijiet għandhom jingħaqdu mal-politiki tas-suq tax-xogħol attiv, mal-opportunitajiet għat-tagħlim tul il-ħajja, mas-sistemi effettivi tas-sigurtà soċjali u tal-kura tas-saħħa, u mat-titjib tal-kundizzjonijiet tax-xogħol. Qed jiġu identifikati rabtiet ma ħafna elementi tal-istrateġija Ewropa 2020, inkluża l-ħtieġa għal aktar sehem fis-suq tax-xogħol u l-impatt tal-politika tal-pensjonijiet fuq ir-rati tal-faqar. Il-PE jissuġġerixxi l-inkorporazzjoni tal-għanijiet olistiċi tal-Green Paper fl-Istrateġija Ewropa 2020.

[Q14] Dawk li wiegħbu rrikonoxxew rwol importanti ħafna għall-UE fil-**koordinazzjoni politika** tal-linji politiċi tal-pensjonijiet permezz tal-iffaċilitar tas-sorveljanza, tal-koordinazzjoni u t-tagħlim reċiproku bejn l-Istati Membri. Il-qafas eżistenti tal-OMC, il-Forum dwar il-Pensjonijiet u aktar fil-wisgħa l-SGP u l-istrateġija Ewropa 2020 jidher li hu x'aktarx adegwat. Iżda t-twessigħ tal-qafas eżistenti, pereżempju permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-EPC u l-SPC ikun importanti. Il-PE kien tal-ideja li Pjattaforma Ewropea għall-Pensjonijiet li tinvolvi rappreżentanti mill-istituzzjonijiet tal-UE flimkien mal-partijiet interessati, għandha tkun ta' għajnuna, u li, biex jiġi evitat li jkun hemm koinċidenza, għandu jitqies il-"Forum tal-Pensjonijiet" eżistenti.

Risponsi għall-mistoqsijiet relatati mal-regolamentazzjoni

[Q5] Ħafna minn dawk li wiegħbu kienu favur li terġa' ssir reviżjoni tad-**Direttiva IORP** biex jiġu ċċarati inċertezzi legali relatati mal-attivitajiet bejn il-fruntieri u saħansitra offrew suġġerimenti dwar kif dan jista' jsir.

[Qs6-7] Kien hemm appoġġ ġenerali biex jitneħħew l-ostakoli għal aktar mobbiltà, kkawżati mir-regoli tal-pensjonijiet, iżda kien hemm inqas ftehim dwar kif dan għandu jsir fil-prattika. Ħafna minn dawk li wiegħbu, li indirizzaw **il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali** skont ir-Regolament 883/2004 ħassew li l-koordinazzjoni kienet taħdem tajjeb, u li ma kienx meħtieġ li jinbidel dan ir-regolament jew li jitwessa' l-ambitu tiegħu.

Kważi dawk kollha li indirizzaw il-**portabbiltà tal-pensjonijiet supplementarji** kienu jappoġġaw inizzjattiva f'livell tal-UE. L-istrateġija ta' koordinazzjoni msejsa fuq il-mudell tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 kienet tinħass mhux adattata għal skemi tal-pensjonijiet supplementarji u l-maġġoranza kienet ħafna kontra l-ideja li jergħu jitqiesu kwistjonijiet ta' trasferimenti.

L-istrateġija ta' kisba u ta' preservazzjoni segwita għal dawn l-aħħar snin attirat appoġġ wiesa' inkluż mill-PE, għalkemm oħrajn baqgħu jopponu bis-sħiħ. L-idea ta' servizzi ta' intraċċar intlaqgħet tajjeb, għalkemm b'enfasi fuq is-servizzi ta' livell nazzjonali, għall-inqas fil-bidu.

[Q8] Rigward **l-iskemi ta' pensjonijiet iffinanzjati u l-prodotti tagħhom**, l-impjegati, il-pensjonanti u l-kumpaniji tal-assigurazzjoni ħassew il-ħtieġa li ssir revizzjoni tal-liġi tal-UE biex tkun żgurata l-konsistenza fir-regolamentazzjoni u fis-supervizzjoni. L-impjegaturi u l-fondi tal-pensjonijiet kienu inqas miftuħa għal aktar inizzjattivi tal-UE.

[Q9] Rigward modi biex ikun żgurat **bilanċ bejn ir-riskju, is-sigurtà u l-affordabbiltà**, kien qed jinħass li l-UE għandha tevita regolamenti li jorbtu u li għandha pjuttost tinkoraġġixxi dispożizzjonijiet nazzjonali rilevanti jew kodiċi tal-UE li ma jorbotx (rakkomandazzjoni).

[Q10] Il-kwistjoni ta' **reġim ta' likwidità għall-fondi tal-pensjonijiet** kienet l-aktar indirizzata minn assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi, minn provvedituri tal-fondi tal-pensjonijiet u tas-servizzi, bi ftit reazzjonijiet mill-membri u mill-benefiċjarji. Ħafna minn dawk li wiegħbu kienu favur is-sorveljanza msejsa fuq ir-riskju, waqt li ssuġġerew li s-sustanza għandha tieħu preċedenza fuq il-forma. Jeħtieġ li l-istrateġija t-tajba tiffoka fuq in-natura u fuq it-tul ta' żmien tar-responsabbiltajiet tal-pensjonijiet, waqt li jitqiesu l-mekkaniżmi addizzjonali tas-sigurtà li jnaqqsu r-riskji, disponibbli għall-fondi tal-pensjonijiet. Il-PE iqis li (i) s-swieq finanzjarji jistgħu jaħdmu b'mod effiċjenti biss meta hemm il-fiduċja u għalhekk huma meħtieġa r-regoli prudenti solidi għall-istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi l-IORPs, u li (ii) l-elementi kwalitattivi ta' Solvenza II jiffurmaw punt ta' tluq ta' valur għat-titjib tas-supervizzjoni tal-IORPs.

[Q11] Dawk li wiegħbu qablu dwar il-ħtieġa tal-**protezzjoni kontra l-insolvenza tal-impjegaturi li jisponsorjaw**, iżda l-PE u minoranza biss jixtiequ aktar leġiżlazzjoni mill-UE, billi skont il-maġġoranza, l-aħjar mod li jinkiseb dan huwa f'livell nazzjonali. L-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE u l-effettività tal-miżuri nazzjonali għandhom jiġu analizzati qabel ma jkunu previsti bidliet għall-qafas leġiżlattiv tal-UE.

[Q12] Dwar il-modernizzazzjoni ta' **rekwiżiti minimi ta' żvelar għall-prodotti tal-pensjoni**, dawk li wiegħbu inkluż il-PE saħqu fuq il-ħtieġa ta' tagħrif ċar u komparabbli u ħafna qiesu li jeżisti potenzjal għall-valur miżjud tal-UE.

[Q13] Għalkemm jirrikonoxxu l-importanza ta' **alternattivi tajbin preseletti** dwar is-sehem u l-investment fit-tfassil tal-pensjoni, ffit minn dawk li wiegħbu jaraw il-ħtieġa jew il-possibbiltà teknika għall-iżvilupp ta' strateġija komuni f'livell tal-UE.

2. Il-Passi li Jmiss

"**White Paper dwar il-Pensjonijiet**" hija skedata għat-tielet kwart tal-2011 waqt li r-reviżjoni tad-Direttiva tal-IORP hija skedata għar-raba' kwart. Fuq il-bażi tar-risponsi u tal-istrateġija

olistika fil-Green Paper, il-White Paper għandha tidentifika l-miżuri l-aktar importanti li għandhom jitmexxew 'il quddiem.

Fl-Istħarriġ tat-Tkabbir Ekonomiku Annwali, il-Kummissjoni ħarġet messaġġi ċari għall-iggwidar tal-Istati Membri dwar ir-riformi tal-pensjonijiet: għolli l-età tal-irtirar u orbotha maż-żieda fl-għomor; naqqas l-irtirar bikri u żid l-inċentivi biex jiġu impjegati ħaddiema mdaħħla fiż-żmien; ippromwovi t-tfaddil privat supplementarju biex itejjeb l-introjtu tal-irtirar; u kun attent għall-impatt tal-infiq fil-pensjonijiet fuq is-sostenibbiltà u l-adegwatezza fit-tul tal-finanzi pubbliċi.

Fil-kuntatti bilaterali mal-Istati Membri dwar il-**Programmi ta' Riformi Nazzjonali** l-Kummissjoni se ssegwi l-orjentazzjonijiet tal-AGS b'mod rilevanti għall-Istati Membri individwali waqt li żżomm bilanċ xieraq bejn il-kwistjonijiet ewlenin tal-adegwatezza, is-sostenibbiltà u s-sigurtà kif mistqarr fil-Green Paper.

Mistoqsija għad-diskussjoni:

Kif jista' l-EPSCO jappoġġja l-ħidma biex iwessa' u jikkontribwixxi fit-tlestija tal-qafas Ewropew għall-pensjonijiet u jsostni l-isforzi f'Ewropa 2020 biex jgħin lill-Istati Membri fiż-żieda tal-etajiet ta' rtirar effettivi u b'hekk jittjiebu kemm l-adegwatezza kif ukoll is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-pensjonijiet tagħhom?